**ŻEBBUĠ**

**Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**

# MILIED 2013

## KOMPETIZZJONI PRESEPJI

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ ser jorganizza kompetizzjoni tal-presepji. Il-kompetizzjoni hija miftuħa għall-presepji li jsiru fiż-Żebbuġ u f' Marsalforn. Il-kompetizzjoni ser tkun maqsuma f' żewġ kategoriji, kategorija presepji żgħar daqs sa metru u nofs kubu u kategorija presepji kbar, akbar minn metru u nofs kubu. Dawk li jixtiequ jipparteċipaw f' din il-kompetizzjoni, mitluba biex jinkitbu l-Kunsill sal-Ġimgħa 20 ta' Diċembru 2013. Inħeġġu lid-dilettanti kollha biex jinkitbu għal din il-kompetizzjoni.

## ŻJARAT LILL-ANZJANI

Għall-ewwel darba f' dawn il-ġranet ta' festa, il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ u l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ser iżuru lill-anzjani tal-lokalita', minn 70 sena l-fuq. Dawn iż-żjarat lill-anzjani ser isiru nhar lejliet il-Milied, l-24 ta' Diċembru 2013 fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu.

## ĦARĠA F' GĦAWDEX

Ser norganizzaw ħarġa għal kulħadd f' Għawdex il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2013. Ser inżuru diversi presepji fosthom Betlehem animat f' Għajnsielem. Ser nitilqu minn Pjazza l-Assunta u minn Misraħ M' Anġ Refalo fl-4.30 ta' filgħaxija. Dawk li jixtiequ jiġu magħna, mitluba jċemplu l-Kunsill biex jinkitbu sat-Tlieta 24 ta' Diċembru 2013 ħinijiet tal-uffiċċju.

## FESTIN GĦAT-TFAL

Is-Sibt 28 ta' Diċembru 2013 fil-11.30 ta' filgħodu, ser isir festin għat-tfal kollha taż-Żebbuġ u ta' Marsalforn sa 14-il sena fis-*snack bar* tal-każin tal-Banda. Ser ikun hemm ikel, logħob u divertiment għat-tfal kollha. Biljetti jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill għall-prezz ta' €2 sal-Ġimgħa 27 ta' Diċembru 2013. Se jkun provdut trasport minn Marsalforn.

**11 ta' Diċembru 2013** **Nru. 14/13**

Nri. tat-tel.: 21563056/27563056
E-mail: zebbug.gozo.lc@gov.mt